"Dar Birzebbuga",  Triq Santa Marija, Birzebbuga  Tel : +356 21650165 E-Mail: birzebbuga.lc@gov.mt

Motto : **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

*Minuti tal-Laqgha numru 12/14  tal-Kunsill Lokali Birzebbuga,  li saret fl-ufficcju tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 24 ta' Novembru 2014 fil-5:30p.m.*

**Prezenti :**

| | |
|---|---|
| Sindku | Joseph Farrugia  (J.F.) |
| Vici-Sindku | Kevin Barun (K.B.) |
| Kunsilliera | Joseph Baldacchino (J.P.)<br>Carmelo Cahia (C.C.)<br>Charles Muscat (C.M.)<br>Stanley Zammit (S.Z.)<br>Bernardette Pace (B.P.) |
| Agent Segretarju Ezekuttiv | Duncan Hall (D.H.) |

**Agenda:**

1. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha nru.10/14 u 11/14
2. Programm ta' resurfacing tat-toroq 2015-2016
3. Skeda ta' pagamenti Settembru 2014 u Ottubru 2014

**Talba**

Is-Sindku flimkien ma dawk prezenti qal it-talba

**1. <u>Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha nru 10/14 u 11/14</u>**

1/01 Is-Sindku fetah is-seduta billi f'ismu u ghan-nom tal-Kunsilliera, rringrazzja lill-Agent Segretarju Ezekuttiv tal-kontribut li kien ser ikun qieghed jaghti lill-lokalita' u tah merhba fi hdan il-Kunsill Lokali.

1/02 Kopja tal-Minuti tas-Seduti precedenti, seduti numru 10/14 u 11/14, kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel il-laqgha u ghaldaqstant il-Minuti ittiehdu bhala moqrija.

1/03 Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Stanley Zammit, issekondata mis-Sur Kevin Barun il-minuti tas-seduta numru 10/14 gew unanimament approvati

1/04 Is-Sindku u l-Agent Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti bħala dokument korrett.

1/05 Is-Sur Stanley Zammit qal illi fl-opinjoni tieghu fl-item agenda 11 u 12 (Minuti 11/14), il-kliem "Minhabba r-rizultat ta' Agenda 10, Agenda 11 u 12 gew minsija bi zball mill-Kamra u mis-Segretarju Ezekuttiv u dawn jigu diskussi fil-laqgha li jmiss" kellu jinbidel mal-kliem "Minhabba cirkostanzi li ma kien hemm ebda kontroll fuqhom, Agenda 11 u 12 ser jigu diskussi f'laqgha ohra". Wara diskussjoni qasira l-Kunsill Lokali qabel illi l-minuti kellhom jigu emendati hekk kif propost mis-Sur Zammit.

1/06 Is-Sur Joseph Baldacchino qal illi fl-opinjoni tieghu Agenda numru 10 (Minuti 11/14) ma kenitx tirrifletti d-diskussjoni li fir-realta' kienet inzammet waqt is-seduta. Is-Sur Baldacchino zied jghid, illi filwaqt illi dak li kien tnizzel fil-minuti kien korrett, ma kienux tnizzlu d-dettalji ta' dak kollha li kien gie diskuss. Ghaldaqstant, fl-opinjoni tieghu, kellha ssir emenda fil-minuti sabiex jitnizzlu l-fatti hekk kif sehhew jew inkella' jigu rimossi xi kliem mill-istess paragrafu peress li kif kienu qieghdin jigu proposti l-minuti seta' jkun hemm lok ghal mizinterpretazzjoni. Wara diskussjoni libera kien hemm qbil unanimu illi l-kliem "Il-Vici-Sindku K.Barun u l-Kunsillieri B.Pace u S.Zammit stqarrew, madanakollu, li huma qatt ma kellhom ebda problema biex jahdmu mas-Segretarju Ezekuttiv u l-Kunsillier S.Zammit qal li kienet dahlet hafna affarijiet ta' fejda bhalma kienet in-*network* tal-informazzjoni ghalihom bl-*emails*" kellu jigi rimoss mill-minuti.

1/07 Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Joseph Baldacchino, issekondata mis-Sur Kevin Barun il-minuti tas-seduta numru 11/14 gew unanimament approvati hekk kif emendati

1/08 Is-Sindku u l-Agent Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti bħala dokument korrett.

## 2. <u>Programm tar-resurfacing tat-toroq 2015-2016</u>

2/01 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi permezz ta' e-mail datat 6 t'Ottubru 2014, is-Sur Saviour Camilleri, f'isem il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma kien talab lill-Kunsilli Lokali sabiex jinfurmaw lill-istess korporazzjoni b'eventwali pjanijet ta' resurfacing ta' toroq matul is-snin 2015/2016.

Kien hemm diskussjoni libera li matulha gie diskuss fost l-ohrajn il-fatt illi minkejja li kien hemm numru ta' toroq li kien jinhtiegilhom resurfacing, is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill Lokali ma kenitx tippermetti illi jsiru spejjez kapitali konsiderevoli. Ghaldaqstant, ghas-snin imsemmija, il-Kunsill Lokali ma setax jikkommetti ruhu illi jaghmel xogholijiet ta' resurfacing. Madanakollu, kienet qieghda tigi evalwata l-possibilita' illi jsir *patching* estensiv f'partijiet minn toroq li kienu fi stat pjuttost hazin. Dan pero', kien irrilevanti ghall-fini tat-talba ta' WSC li ghaldaqstant kellha tigi infurmata illi l-Kunsill Lokali ma kellu ebda pjan sabiex jwettaq xogholijiet ta' *resurfacing* ghas-snin 2015 u 2016.

3. **<u>Skeda ta' Pagamenti Settembru 2014 u Ottubru 2014</u>**

3/01 L-Agent Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill skedi ta' pagamenti (Skeda Settembru 2014 u Skeda Ottubru 2014) ghall-approvazzjoni.

3/02 Fuq mozzjoni tas-Sur Joseph Baldacchino, issekondat mis-Sur Joseph Farrugia, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' pagamenti ghal Settembru 2014 li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti

3/03 Is-Sur Stanley Zammit qal illi fl-opinjoni tieghu, item nru. 37 fl-iskeda ta' pagamenti ghal Ottubru 2014 kien errat ghaliex fid-deskrizzjoni kien jidher illi kien ser ikun qieghed jithallas kont ghal Novembru 2014 meta l-iskeda kienet tinkludi pagamenti ghal fatturi li jaslu sa' Ottubru 2014. Wara li gie kkonfermat illi l-kont in-kwistjoni kien ghal fattura li kienet tinkludi prodotti li kienu nxtraw matul Ottubru 2014, fuq mozzjoni tas-Sur Stanley Zammit, issekondat mis-Sur Charles Muscat, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' pagamenti ghal Ottubru 2014 li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

Is-Seduta spiccat fit-7:00p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata għal nhar it-Tlieta 9 ta' Dicembru 2014 fis-6:00p.m.

______________________ ______________________

Joseph Farrugia — Duncan Hall

Sindku — Agent Segretarju Ezekuttiv